**Karta numru 8**

**1. Daħħal l-artiklu u fejn hemm il-bżonn tinsiex tagħmel it-tibdil kollu meħtieġ:**



1. Fatima bdiet tattendi _________ skola tagħna xi sena ilu.
2. Il-Kap tal-iskola poġġieha f_________ klassi tagħna.
3. Meta għamilna ħbieb magħha Fatima qaltilna li waslet Malta _________zija tagħha fuq dgħajsa żgħira.
4. Tant huma foqra li _________mħadda li torqod fuqha hija magħmula minn qabda ċraret magħquda flimkien.
5. Xi ġimgħa ilu marret _________sptar għax kienet muġugħa imma f'jumejn għaddielha.
6. Ilbieraħ ħalliet Malta għal kollox _________Portugall fejn se jibdew jgħixu.
7. Tgħidx kemm ħassejna _________nuqqas tagħha, tant li qabel telqet, ħriġna _________mkatar tant kemm bkejna.

**1. Aqta' sing taħt il-<u>VERBI</u>:** (tinsiex li L-VERBI HUMA L-KLIEM LI JURU AZZJONI)



1. Il-bnedmin iħobb lill-bnedmin l-oħra sħabu.
2. Ma' sħabu, il-bniedem jaqsam il-ħsibijiet, il-ferħ u t-tbatijiet tiegħu.
3. Il-bniedem jikkomunika ma' bnedmin oħra b'diversi modi.
4. Il-bniedem jaqra l-gazzetti, ifittex fuq il-kompjuter u jiftaħ ir-radju biex jikkomunika mad-dinja ta' madwaru.
5. Il-bnedmin jitkellmu bejniethom għax hekk jikkomunikaw flimkien.
6. Bosta nies iċemplu lil qrabathom barra minn Malta biex jikkomunikaw magħhom.
7. Bit-telefon tkellem lill-qraba u lill-ħbieb ta' barra minn Malta.
8. Fil-kotba naqraw stejjer li jolqtu l-gosti tagħna.